**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 338/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs**

**Ruben Callus**

Illum, it-22 ta' Jannar 2024

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Ruben Callus**, ta' 38 sena, iben Lawrence u Catherine nee Formosa, imwieled Pieta nhar 26/08/1982, residenti 23, Ave Maria, FL A, Triq Marina, Kalkara, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 456182(M).

u akkazatu talli f'dawn il-Gzejjer Maltin, nhar l-24 ta' Settembru 2019, ghall-habta ta bejn is-sitta ta' filghodu (06: 00hrs) u t-tmienja ta' filghodu (08: 00hrs) gewwa Triq Santa Tereza, Bormla:-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professioni tieghu, jew b'nuqqas ta′ tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' Alfred Aquilina detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 253540(M) bi ksur tal-Artikoli 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq il-vettura ta' ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzioni JAA 189 b'manjiera traskurata. Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq il-vettura ta' ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzioni JAA 189 b'manjiera perikoluza. Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq il-vettura ta' ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzioni JAA 189 b'manjiera bla kont. Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta

Il- Qorti giet mitluba sabiex f′kaz ta' htija tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Il- Qorti giet ukoll mitluba li f′kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil- proceduri, inkluzi dawk tal- esperti li jkunu gew mahtura fl- istadju tal- process verbal tal- inkjesta, ai termini tal-Artikolu 533 et sequitor tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-8 ta' Gunju 2022.[3]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar id-19 ta' Gunju 2023.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident tat-traffiku fatali li sehh nhar l-24 ta' Settembru 2019 kmieni filghodu f'Bormla, meta Alfred Aquilina gie investit

[1] Folio 7 ta' l-atti processwali
[2] Folio 6 ta' l-atti processwali
[3] Folio 80 ta' l-atti processwali
[4] Folio 173 ta' l-atti processwali

mill-vettura tat-tip Ford Escort Van bin-numru ta' registrazzjoni JAA-189 misjuqa mill-imputat Ruben Callus waqt li kien qed jaqsam it-triq.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel referenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 xehdet l-**Ispettur Oriana Spiteri**[5]. Spjegat li fl-24 ta' Settembru 2019 ghall-habta tas-06:45hrs kienet giet infurmata minn PS 654 Elton Bondin li fi Triq Santa Tereza, Bormla, kien ittajjar persuna bl-isem ta' Alfred Aquilina u li dan kien qieghed jinghata assistenza medika minhabba li kien f'qaghda kritika. Ix-xhud irrikorriet fuq il-post u setghet tosserva li l-vettura involuta kienet tat-tip Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAA-189. Il-vittma kien diga` ttiehed l-Isptar. Minn naha taghha, ix-xhud infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa Dr Audrey Demicoli, illum Imhallef, li hatret inkjesta. Il-vittma Alfred Aquilina miet fit-3 ta' Ottubru 2019.

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru xehed **PS 654 Elton Bondin**[6]. Spjega li fl-24 ta' Settembru 2021 gie nfurmat mill-Ghassa ta' Bormla li kienet ittajret persuna fi Triq Santa Tereza, Bormla. Huwa acceda fuq il-post u kien hemm PC 1261 mill-Ghassa ta' Bormla fuq il-post. Irrizulta li kien ittajar anzjan minn vettura tat-tip Ford Escort van bin-numru ta' registrazzjoni JAA-189 u kienet issejhet l-ambulanza. Il-vettura kienet misjuqa minn certu Ruben Callus li kien fi stat ta' xokk qawwi. Dan Ruben Callus kien stqarr max-xhud li kien qed isuq fi Triq Santa Tereza minn Bormla lejn il-Birgu u *"fl-ahhar mument"* ra persuna f'nofs it-triq u ghalkemm brejkja kif seta' xorta kien hemm impatt. Callus intbaghat l-

[5] Fol. 8-9 tal-atti processwali
[6] Fol. 14-16 tal-atti processwali

Isptar ukoll minhabba l-istat ta' xokk qawwi li kien fih. Meta gie nfurmat mill-Isptar li l-vittma kien fil-periklu tal-mewt, ix-xhud informa lill-Ispettur Oriana Spiteri. Ix-xhud ipprezenta tlett ritratti li ha huwa stess fuq il-post.[7] Illi f'dawn it-tlett ritratti tidher karozza bajda bin-numru ta' registrazzjoni JAA 189 f'nofs ta' triq. Jidher id-dawl tal-fanali ta' quddiem mixghulin u tinsab f'nofs ta' triq lejn il-karregjata tan-nofs fit-tela tat-triq.

Ix-xhud xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2022[8]. Iccara li huwa kien ha l-verzjoni tal-imputat Ruben Callus immedjatament kif acceda fuq il-post tal-incident u ma jiftakarx li kien ta *caution* lill-imputat. Ikkonferma ukoll li l-imputat kien jidher taht stat ta' xokk f'dak il-hin. Ikkonferma li l-vettura tal-imputat kienet fil-karregjata xellugija u li kien hemm tracci ta' demm fin-naha tal-karregjata xellugija. Spjega li x'hin wasal hu fuq il-post, il-vittma kien qed jinghata xi kura mal-art u ftit wara, ittella' fl-ambulanza. Ikkonferma ukoll li fil-vicinanzi fil-fatt hemm *zebra crossing* imma l-vittma ma jidhirx li kien qed jaqsam minn hemm. Rigward id-dawl, ix-xhud stqarr li l-incident probabbilment sehh meta kien ghadu ma sebahx minhabba li x'hin wasal hu, il-fanali tal-vettura tal-imputat kienu ghadhom mixghulin. Bhala fatt, ma kienx hemm fanal tat-triq ezatt fejn jidher li sehh l-impatt.

Fl-istess seduta xehdet **Lorianne Spiteri**[9], Deputat Registratur, li pprezentat l-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* li kienet infethet mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli, illum Imhallef dwar l-incidenza *de quo*.

Fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2022 xehed **PC 1285 Graham Cassar Bonaci**[10], adett fit-Taqsima Forensika, li kien gie mahtur sabiex jaghmel xoghol ta' fotografija ghall-fini tal-inkjesta. Huwa ikkonferma r-rapport tieghu ezebit fil-*proces verbal*.

[7] Dok EB1, Folio 18 ta' l-atti processwali
[8] Fol. 93-100 tal-atti processwali
[9] Fol. 19-20 tal-atti processwali
[10] Fol. 81-83 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **Dr Christopher Spiteri**, ufficjal tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ikkonferma li l-vettura tat-tip Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAA-189 hija registrata fuq l-imputat Ruben Callus u kienet ilha hekk registrata mis-17 ta' Gunju 2015.

Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2023 **Dr Mario Buttigieg**[11], fejn spjega li kien gie mahtur bhala espert fl-Inkjesta biex jaghmel rikostruzzjoni tal-incident u jigbor ix-xhieda. Spjega illi meta l-vittma Alfred Aquilina gie investit huwa kien qed jaqsam it-triq mix-xellug ghall-lemin vicin ta' fejn hemm l-arblu bil-bandiera tal-Kunsill Lokali ta' Bormla. Ghalkemm ma setax jghid bic-cert fejn huma l-eqreb fanali tat-triq, l-espert ikkonceda li f'dik il-parti hemm tendenza li jkun hemm hafna dell minhabba prezenza ta' sigar kbar li fil-fatt jghattu anke` d-dawl artificjali tal-bozzoz tat-triq. Irrimarka li kien hemm ukoll negligenza kontributorja minn naha tal-vittma minhabba li qasam minn fuq wahda miz-zewg *zebra crossings* li hemm fil-vicinanzi u aghar minn hekk, il-parti tat-triq li ghazel li jaqsam minnha hija l-aghar parti minhabba li titwessa' konsiderevolment u hemm hrug ta' triq sekondarja. L-espert spjega li skont il-kalkoli tieghu, l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita` ta' cirka 50 km/s u meta brejka, din nizlet ghal cirka 45 km/s u wasal ghal konkluzjoni li kieku l-imputat kien qed isuq b'velocita` ta' 35 km/s, kien ikun hemm probabilita` akbar li jew jevita lill-vittma jew inkella li l-impatt kien ikun inqas b'sahhtu. Rabat dan l-ezercizzju mal-*brake marks* li kien hemm vizibbli fuq il-post. L-espert kompla jispjega li s-sinjali tal-impatt mal-vittma kienu max-xellug tal-*windscreen* u l-vittma kien lahaq mexa parti konsiderevoli tal-wisa' tat-triq meta ntlaqat u li din l-ispjegazzjoni hija sa certu punt konsonanti ma dak li xehed l-imputat fl-Inkjesta li *"il-vittma qasamli minn fejn il-Kunsill Lokali*

[11] Fol. 102-126 tal-atti processwali

*jtella' l-bandiera. Kont madwar 4 metri boghod meta hu qasam it-triq".* Id-divarju johrog madankollu fuq il-fatt li l-*brake marks* misjuba fuq il-post kienu ta' 12.51m. Filwaqt li kkonferma li kien hemm negligenza kontributorja minn naha tal-vittma ghax qasam minn parti tat-triq li mhux idoneja, l-espert ma setax jistabilixxi jekk il-vittma kienx ghamel osservazzjoni qabel ma qasam fil-kuntest tal-fatt li l-*pedestrian* ukoll ghandu jaghmel *proper lookout* qabel jaqsam. Ikkonkluda li l-imputat ukoll ma zammx *proper lookout* minhabba li minn fejn kien wasal il-vittma, kellu jkun vizibbli izda sfortunatament, induna bih tard wisq u ghalkemm ghafas il-brejk, il-vettura baqghet titkaxkar 'il quddiem u sar l-impatt. Ghalkemm id-dawl ma kienx ottimu, fi kliem l-espert kien bizzejjed biex l-imputat jara lill-vittma qed jaqsam 12.5m qabel ma laqtu u allura, l-fattur determinant ukoll kien li l-imputat kien ghaddej b'velocita` li ghalkemm mhux xi wahda sorprendenti, ghal dik l-akkwata xorta kienet eccessiva.

L-espert rega' gie prodott fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023[12]. Ghalkemm sostna li huwa kien fil-fatt ikkonstata brake marks fuq il-post, ikkonceda li ma kellux ritratti taghhom minn naha tieghu izda spjega li huma vizibbli fir-ritratti mehuda u ezebiti mis-*Scene of Crime Officers* (Fol. 23). Eskluda li l-post fejn jinsab id-*debris* mal-art huwa necessarjament il-punt ezatt fejn ikun sehh l-impatt u dan ghax huwa possibbli li d-*debris* itir ghal xi distanza bil-*momentum* u ukoll li jigi disturbat minn forzi esteri bhal vetturi ohrajn ghaddejin mill-post. Fil-fatt, f'dan il-kaz, l-espert gie mitlub biex jaccedi fuq il-post xi sieghat wara li kien sehh l-incident u mhux immedjatament. Ghar-ragunijiet spjegati, iccara li ma setax jistabilixxi b'certezza fejn kien il-punt tal-impatt. Iccara ukoll li ma kienx ghamel pjanta jew skizz tal-lok tal-incident u li ma probabbilment ma kienx prezenti meta kien hemm is-*Scene of Crime Officers* fuq il-post. Qabel li l-

[12] Fol. 128-142 tal-atti processwali

incident sehh barra mill-*pedestrian zone* fejn il-velocita` massima permessibbli hija ta' 50 km/s u li madwar 80m 'il boghod kien hemm *zebra crossing*.

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 xehed minn rajh l-imputat **Reuben Callus**. Spjega li huwa joqghod il-Kalkara u qabel sehh l-incident kien mar f'garaxx li huwa ghandu Rahal Gdid u dak il-hin, ghall-habta tas-06:00hrs, kien sejjer lura lejn il-Kalkara biex jipprepara qabel jidhol xoghol. L-imputat ipprezenta pjanta[13] li tindika r-rotta li huwa ha li nizzel mill-GeoServer tal-Awtorita` tal-Ippjanar kif ukoll ritratti tas-senjaletika stradali f'dik iz-zona[14]. Spjega li l-pedestrian priority zone tispicca kif tiskorri l-Knisja ta' Santa Tereza u taqbad Triq it-8 ta' Dicembru li hija inklinata ghat-telgha. Skont hu, hekk kif qabad dik il-bicca tat-triq kien qed isuq b'velocita` ta' bejn 45-50 km/s li fil-fehma tieghu hija normali ghal dik l-akkwata. Jghid li kien ghadu d-dlam u li d-dawl tat-triq huwa mghotti bis-sigar. Bhala traffiku ma kien hemm hadd ghaddej la fil-vija tieghu u lanqas dik kuntrarja. F'daqqa wahda ra lill-vittma miexi minn taht il-kurdun tal-bankina lejn nofs it-triq madwar 4 metri minn fejn kien hu u kemm hu u l-vittma inhasdu u ghalkemm ghafas il-brejk u dawwar il-vann lejn il-lemin, sar l-impatt. Jghid li l-vittma kien liebes hwejjeg skuri u beritta u l-impatt sar mal-*mudguard*, il-*bonett* u l-*windscreen* tal-vann lejn in-naha tax-xellug. Mad-daqqa il-vittma irrombla minn fuq il-*bonett* u waqa' madwar 2 metri quddiem il-vann. Nizel immedjatament mill-vann u mar hdejn il-vittma biex jghinu izda wara ftit waqfu zewg nisa li qalu li kienu infermiera u hadu hsieb lill-vittma huma. Wara ftit waslu fuq il-post pulizija mill-Ghassa ta' Bormla li ghalqu t-triq ghat-taffiku ghalkemm mill-karreggjata tieghu ma setghux jghaddu karozzi ghax kienet maghluqa mill-vann. Dak il-hin, ghalkemm jghid li kien taht xokk enormi, kien tkellem mas-Surgent biex spjegalu x'gara. Jinnega li kien halla xi *brake marks*. In kontro-ezami qal li kien jghaddi minn dik it-triq

[13] Dok RC1, Folio 165 ta' l-atti processwali
[14] Dok RC2-RC4, Folio 166-168 ta' l-atti processwali

mizerjament tlett darbiet kuljum ghal kemm kien ilu jsuq u li probabbilment il-vittma kien ghadda minn fejn iz-*zebra crossing* ghax kien ghaddej mill-Birgu lejn Bormla imma ghazel li ma jaqsamx minnha. Jghid li huwa ra biss figura skura fl-ahhar hin u ma ppretendiex li kien ser johroglu meta kien daqstant vicin.

Fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2023 xehdet **Ramona Falzon Gatt**[15] in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' Bormla li pprezentat pjanta tal-vicinanzi tal-lok tal-incident ossija mill-Knisja ta' Santa Tereza sa Café Riche, liema pjanta tindika s-senjaletika u l-*pedestrian crossings*[16]. Iccarat li l-parti ghat-telgha fejn sehh l-incident hija Triq it-8 ta' Dicembru u hija meqjusa bhala triq arterjali u hija ghalhekk taht il-kompetenza ta' Transport Malta.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-imputat principalment tressaq talli b'nuqqas ta' hsieb, bi trakskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaguna l-mewt ta' Alfred Aquilina ai termini ta' l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Gie akkuzat ukoll talli saq b'manjiera traskurata u perikoluza u b'manjiera bla kont u dan bi ksur ta' l-artikolu 15(1)(a)u(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali jghid:

*(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin*

[15] Fol. 174-178 tal-atti processwali.
[16] Dok RG1 u 2, Folio 179-186 ta' l-atti processwali

*jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)*

Illi l-artikolu 15(1)(a)(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*(1) Kull min –*

*(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew*

*(b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra,*

*ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.*

Il-Qorti tibda biex tikkwota mill-Awtur **Mario Codagnone** mill-ktieb tieghu **"Casi Pratici in Materia di Circolazione Stradali"** fejn f'pagna 51 jghid:

*"Riteniamo che allo stato attuale delle cose, si imponga anzi tutto un affermazione di principio: la strada e' di tutti. Essa e' un bene alcui utenza i cittadini tutti sono ammessi con parita' di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggiori doveri da parti di coloro che la dominano alla guida di mezzi che, per le loro intrinziche caratteristiche di velocita' e potenza, possono costituire, anche solo per questo, un imminente pericolo per la circolazione."*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-**Archbold** fil-ktieb **"Criminal Pleading Evidence and Practice"** fejn intqal

*"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness . . . probably, of all the epithets that can be applied, reckless most nearly*

*covers the case . . . . but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment.."*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-ktieb **Blackstone's Criminal Practice**[17] fejn intqal:

*"It should be noted that danger to the person is not qualified by any adjective and therefore, as long as it is not de minimis, any danger to any person, even though slight, if obvious to the 'competent and careful' driver, would suffice. In* ***Hennigan*** *[1971] 3 All ER 133, a case of causing death by reckless driving under the TRA 1960, the recklessness consisted mainly of the speed at which the defendant was driving; the driver of the other car, which contained the two persons who were killed, may well have been substantially to blame for the accident. The court held that there was nothing in the legislation which required the manner of the accused's driving to be a substantial or a major cause of the accident, as long as it was 'a cause and something more than de minimis.' Similarly, it was said in* ***Skelton*** *[1995] Crim LR 635 that no particular degree of contribution to the death, beyond a negligible one, is required. An acceptable direction to the jury is that they do not have to be sure that the defendant's driving 'was the principal, or a substantial, cause of the death, as long as [they] are sure that it was a cause and that there was something more than a slight or a trifling link' (****Kimsey****) [1996] Crim LR 35).*

*The standard of driving must fall 'far below' that expected of a 'competent and careful' driver and it must be obvious to a 'competent and careful' driver that the manner of driving is dangerous."*

[17] 2006

Dwar l-elementi mehtiega tas-sewqan traskurat il-Qorti tal-Appell tar-Renju Unit, fil-kaz **Knight** sostniet:

*"driving in such a manner as to create an obvious and serious risk of causing physical harm to some other person who might happen to be using the road, or doing substantial damage to property' and 'that in driving in that manner [the defendant] did so without having given any thought to the possibility of there being any such risk, or having recognised that there was some risk involved, had nonetheless gone on to take it."*

Fil-ligi nostrana dan l-ezami dwar il-mens rea gie indirizzat fil-kawza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**[18] fejn inghad:

*"Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attività diretta għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċertu prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippreġudikati linteressi ta' terzi. ...*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża, derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolament, ordnijiet u simili:*

*L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma' jieħu l-opportuni kawteli;*

*In-negliġenza tiġi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-aġent filkondotta tiegħu;*

*L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa profesjonali, cjoe', kif jgħid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tenur conto":*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll għal non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bħal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi ċjoe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni…"*

[18] Deciza nhar il-31 ta' Lulju 1998, Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Patrick Vella

In fatti f'dawn it-tip ta reati mhuwiex il-mens rea per se fir-rigward l-intenzjoni li jikkaguna r-reat li rrid jigi ezaminat u dan ghaliex it-test li ghandu jigi adattat huwa test oggettiv u mhux suggettiv kif gie ritenut fil-kaz **Loukes** [1996] 1 Cr App R 444 fejn il-Qorti ta' l-Appell sostniet:

*"Proof of guilt depends on an objective standard of driving, namely, what would have been obvious to a competent and careful driver. The accused's driver's state of mind is relevant only if and to the extent that it attributes additional knowledge to the notional competent and careful driver…It should be noted too that the threshold of proof is high. It must be shown that the defect was 'obvious' to a 'competent and careful driver'. It is not enough to show in the case of such a driver that, say, if he had examined the vehicle by going underneath it, he would have seen the defect."*

Filwaqt li l-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini *'nuqqas ta' hsieb'* u *'traskuragni'* fil-ligi nostrana, il-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija fic-cirkostanzi partikolari.

Dawn il-principju gew stabilliti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**[19] fejn gie ritenut:

*"Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 239 (illum 225) tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew ta' ħila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawżalità minn event dannuż involontarju.*

*Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta, ċioè illi fil-każ*

[19] Qorti Kriminali, Deciza 4 ta' Frar 1961

*konkret kienet tiġi użata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilità normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret."*[20]

Dan il-principju gie kkonfermat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Richard Grech**[21] li ghamlet referenza ghas-sentenza hawn fuq imsemmija u zdiedet tghid:

*"Biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. Lesperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - ċjoè, l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attività partikolari - tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi ta' l-oħrajn jiġu ppreġudikati;*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċertu non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet però, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pożittiva indiretta."*

Il-**Professur Anthony Mamo** fin-noti tieghu izzid jghid:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "__**possibility**__ of foreseeing the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of*

[20] Volum 45, Parti Nru 4, Pagna 870, 903
[21] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Dr. Vincent DeGaetano; Deciza 21 ta' Marzu 1996

*his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable."*

[enfasi tal-Qorti]

Issir refernza wkoll ghal-gurista **Francesco Carrara** li jispjega *"Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*

**Antolisei,** fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale (Parte Generale), jaghmel ukoll referenza ghal Carrara, u jghid hekk:

*"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'"*

Fir-rigward tal-livell ta' diligenza li l-ligi tesigi li tigi adoperata, il-Professur Mamo jghid:

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonsable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of 'an ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence" it has been said "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would do"*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[22] dwar it-tifsiriet u l-elementi li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan.

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] talimsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla ssitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, ssewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*

*Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain19,).*"

Ghar-rigward x'ghandu jigi ikkonsidrat bhala *"a proper lookout"* gie ritenut mill-Qrati Taghna li *"Hu dover ta' "driver to see what is in plain view"* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella**" - [10.8.1963] ) u li *"min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. J.M. Laferla**" [17.6.1961] ) fejn gie ritenut

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*" u isser referenza ghal-kaz "**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd**." [1968].

Ghalhekk jirrizulta li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort uniku ta' terza persuna. (Ara Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri**" [16.3.1961]; "**Il-Pulizija vs. John Polidano**" [3.11.1963] "**Il-Pulizija vs. Rev.C.Mifsud**" (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.).

Fi kliem iehor, il-"*contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **Il-Pulizija vs P.Vassallo**", [Kollez.Vol.XXXVII, iv.p.883]).

Imbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-parte civile, dan jista' biss, ghal massimu, iservi ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar. (ara **Il-Pulizija vs Mariano D'Amato** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Mejju 2015).

Il-Qorti taghmel referenza ghal **Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2021** gie ritenut li l-principju ta' jikostittwixxi bhala *recklessness* fis-sewqan huwa s-segwenti:[23]

*In G., above, it was held that a person acts recklessly with respect to –*

*(a) a circumstance when he is aware of a risk that it exists or will exist, and*

[23] 17-50, Page 2167

*(b) a result when he is aware of a risk that it will occur, and it is in the circumstances known to him, unreasonable to take the risk.*

*Caldwell, above, should not be followed because:*

*(1) it was a salutary principle that conviction of serious crime should depend on proof not simply that the defendant caused, by act or omission, an injurious result to another but that his state of mind when so acting was culpable; whilst the most obvious culpable state of mind was an intention to cause an injurious result, knowing disregard of an appreciated and unacceptable risk of causing an injurious result or a deliberate closing of the mind to such a risk would be readily accepted as culpable also; but it was not clearly blameworthy to do something involving a risk of injury to another if, for reasons other than self-induced intoxication, one genuinely did not perceive the risk;*

*(2) the Caldwell formulation was capable of leading to injustice;*

*(3) the criticism by academics, judges and practitioners of Caldwell was not to be ignored; and,*

*(4) it was clear that the majority's interpretation of "reckless" in Caldwell had been a misinterpretation of Parliament's intention which had been to leave the essential law unchanged, whilst doing away with the outmoded and misleading use of the word "maliciously".*

Fl-istess **Archbold 2021** gie ritenut li meta ghandu jigi ikkunsidrat jekk kienx hemm traskuragni:[24]

*The standard of due care and attention is an objective one, fixed and impersonal, governed by the essential needs of the public, fixed in relation to the safety of other users of the highway: **McCrone v Riding** [1938] 1 All E.R. 157, DC ; **Taylor v Rogers** [1960] Crim.L.R. 270, DC .*

[24] 32-54, Folio 3263

*Whether a person was driving carelessly raises only a question of fact. If the defendant was not exercising the degree of care and attention that a reasonable, competent and prudent driver would exercise in the circumstances, he should be convicted. If the circumstances show that his conduct was not inconsistent with that of a reasonably prudent driver he should be acquitted. It is undesirable to complicate these cases by considering whether or not there has been an "error of judgment":*

***Simpson v Peat** [1952] 2 Q.B. 24, DC . The condition of the driver, although relevant and admissible, does not of itself prove that the driving was careless, because it does not determine whether the way in which he drove was careless:*

***Jones (Adrian) v CPS** [2019] EWHC 2826 (Admin); [2020] 1 W.L.R. 99 , following*

*Webster (see § 32-18).*

*Failure to exercise due care and attention may be a deliberate act: Taylor v Rogers, above (overtaking on a curve).*

*As to subs.(3) of the new s.3ZA , and the need to take account of circumstances within the knowledge of the accused, see **DPP v Milton and Bannister**, § 32-14.*

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Illi mill-provi li tressqu ma jirrizultax li ttiehedet l-istqarrija ta' l-imputat. Illi l-Qorti ma nghatat ebda spjegazzjoni ghalfejn l-imputat ma giex interrogat u ittiehditlu l-istqarrija fl-ewwel opportunita' possibli. Illi n-nuqqas ta' l-istqarrija, li setghet xehtet hafna informazzjoni u dawl fuq l-incident. Illi f'kaz bhal dan, kif ukoll f'kull kaz ta' certu portata ittehid ta' l-istqarrija taf tkun prova krucjali u regina ghall-prosekuzzjoni. Fl-istess hin l-istqarrija hija wkoll importanti ghall-akkuzat ghaliex ikollu l-ghazla libera li jaghti l-verzjoni tieghu a tempo vergni u fi stadju bikri ta' l-investigazzjoni filwaqt li permess ta' l-

istqarrija ikollu wkoll informazzjoni dwar l-investigazzjoni li tkun ghaddejha fuqu.

Illi fl-inkjesta gew mahtura zewg esperti patologisti u cioe l-Profs Marie Therese Camilleri Podesta u Dr. Ali Safraz kif ukoll it-tabib Dr. Mario Scerri li filwaqt li ddeponnew u pprezentaw ir-rapport taghhom fl-inkjesta ma tressqux sabiex jixhdu.

Illi mir-rapport ta' l-espert Mario Buttigieg irrizulta li fil-jum in kwistjoni t-temp kien tajjeb u car u minn dak l-att il-vizibilita kienet tajba u il-ghaliex ukoll anke d-dwal pubblici kienu kollha qed jahdmu sew u t-triq kienet xotta.

Irrizulta li l-vittma Alfred Aquilina kien qed jimxi minn naha tax-xellug ghan-naha tal-lemin tat-triq u f'parti fejn ma kienitx indikata ghal persuni biex jimxu. Illi l-ghazla tieghu sabiex jimxi f'parti ta' triq mhux intiza ghal nies pajzana kienet nuqqas serju da parti tal-vittma u per konsegwenza ikkaggunat negligenza kontributorja minn naha tieghu.

Illi meta sehh l-impatt mal-vittma, l-imputat kien qed issuq qrib il hamsin (50) kilometru fis-siegha qabel ma sehh l-impatt.  Illi meta lemah il-vittma ghafas il-brejk u irnexxilu inaqqas il-velocita ghal hamsa u erbghin (45) kilometru fis-siegha izda dan ma kienx bizejjed, l-impatt xorta sehh bil-konsegwenza li l-vittma sofra griehi gravi u gie fil-perikolu tal-mewt u konsegwentement miet nhar it-3 ta' Ottubru 2019.

Mill-konkluzjoni ta' l-espert gie osservat fuq il-post ta' l-incident illi meta sehh l-incident l-vettura halliet sinjali ta' brekijiet fuq il-wicc tat-triq.

L-espert ikkonkluda fir-rapport tieghu illi l-imputat naqas mid-dover tieghu ghaliex kellu l-obbligu li jhares u jadopera iktar kawtela fis-sewqan tieghu specjalment meta hu kien ghadu kemm telaq minn pedestrian zone u fil-

vicinanzi kien hemm pedestrian crossing. Il-konsegwenza ta' dan huwa illi Callus ma kienx qed izomm *a proper lookout* tat-triq li kien qed isuq fiha.

Illi mir-rapport tat-tabib Dr Mario Scerri, Profs Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Safraz ikkonkludew li l-kawza tal-mewt kienet minhabba frattura fl-ispina tal-vittma ikkawzata mill-impatt tal-vettura fuqu u hija unikament l-impatt tal-vettura li wasslet ghall-mewt tal-vittma.

Illi mir-ritratti li ttiehdu waqt l-inkjesta hemm diversi ritratti li juru d-dehra ta' fejn sehh l-incident u d-dinamika tieghu. Illi tidher il-vettura lejn in-nofs tal-karregjata kif ukoll ticpis tad-demm ma l-art tal-vittma. Jidher ukoll li l-impatt sehh direttament mal-*windescreen* tal-vettura fuq in-naha tax-xuffier.

Illi mill-provi jirrizulta li kien hemm certu fatturi li kienu ta xkiel ghall-imputat bhas-sigar, id-dawl limitat u l-fatt li l-vittma qasam kif qasam. Madankollu, l-imputat jikkonferma waqt ix-xhieda tieghu li huwa seta jarah, tant hu hekk li ghafas il-brejk u prova jevitah. Gie ikkonfermat ukoll li fil-jum in kwistjoni kien hemm vizibilita tajba.

Minn naha l-ohra jirrizulta li l-imputat ma kienx qed issuq b'velocita jew li ma kienx fuq in-naha tieghu tat-triq. Jirrizulta pero li l-vittma qasam hazin u ma qasamx minn fejn kien suppost. Fl-inhawi in kwistjoni hemm diversi postijiet minn fejn seta jaqsam. Illi dawn ikunu mahluqa halli n-nies pajzana ikollhom post sigur minn fejn jaqsmu u s-sewwieqa fl-istess hin ikunu attenti sabiex izommu *proper lookout* u jirispekkjaw is-sinjali u l-postijiet attrezzati sabiex in-nies ikunu jistghu jaqsmu minghajr inkwiet. S'intendi meta wiehed jaqsam f'parti ta' triq mhux intiza is-sewwieq filwaqt li ikun jista jara ma jfissirx li jkollu *r-reflexes* bizejjed sabiex jevita impatt u dan qieghed jinghad ghaliex f'dawk ic-cirkostanzi s-sewwieq ma jkunx qed jistenni li jsib xi hadd fit-triq. Illi f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-imputat kien qed issuq b'velocita eccessiva u lanqas li kien qed issuq b'mod traskurat sakemm sar l-impatt mal-vittma.

Id-difiza fis-sottomissjonijet taghhom taccenna li l-post fejn sehh l-impatt bejn l-imputat u l-vittma ma kienx fil-fatt Triq Santa Tereza, Bormal kif indikat fl-imputazzjonijiet. Id-difiza tenniet li l-incident fil-fatt sehh fi Triq Tmiena ta' Dicembru hekk kif gie ikkonfermat mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Kunsill Lokali Bormla. Illi minn din ix-xhieda iccarat li l-parti ghat-telgha fejn sehh l-incident hija Triq it-8 ta' Dicembru u hija meqjusa bhala triq arterjali.

Ghaldaqstant id-difiza irnexxilha ggib prova sufficjenti li l-post fejn sehh l-incident mhuiex il-post fejn fil-verita sehh l-incident. Illi l-Qorti tosserva li kemm ir-rapport ta' l-incident[25], kif ukoll ir-rapport ta' l-espert Mario Buttigieg jindikaw it-Triq Santa Tereza, Bormla. Kien ghalhekk ikun ghaqli li kieku waqt l-inkjesta jew waqt il-provi tal-prosekuzzjoni li kien jigi mahtur perit sabiex jaghmel pjanta tal-post fejn seta jiddetermina bhala stat ta' fatt l-isem tat-triq kif suppost.

Illi tenut ta' dan kollu imsemmi hawn il-Qorti tara li hemm certu nuqqasijiet fil-mod kif tressqet il-prosekuzzjoni kif ukoll il-provi li ngabu, kif ukoll dawk li ghal xi raguni li ma ngabux li joholqu dubju serju sal-grad rikjest mill-ligi sabiex tinstab htija ta' l-imputat.

Wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxilihiex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat u ghalhekk sejra tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

[25] Folio 5A ta l-inkjesta

## Decide

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapotilu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Ruben Callus **mhux hati** ta' l-imputazzjonijier dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum nhar it-22 ta' Jannar, 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**